FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR NOEL CUTAJAR
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
FRANK PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frank Pace ta' 20 sena imwieled Pieta fl-4 ta' Lulju 1979 bin Lawrence u Mary nee Psaila u residenti 75, Triq is-sur, l-Isla ID319679M talli f'dawn il-gzejjer, matul ix-xahar ta' Mejju jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin mill-imsemmi Frank Pace wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe:

1. Talli f'xi zmien qabel l-1 ta' Novembru 1999 f'xi hin wara nofs inhar gewwa Hal Tarxien ikkommetta serq ta' madwar mitejn lira maltin (Lm200) ghad-dannu ta' Joseph Cachia liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur.
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Cachia kontra l-volonta tieghu.
3. Talli fis-16 t'Ottubru 1999 f'xi hin matul il-gurnata gewwa San Giljan ikkommetta serq ta' vettura numru tar-registrazzjoni FAR896 tal-ghamla Mazda 323, li l-valur taghha tammonta gha aktar min mitt lira izda anqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Dennis Fenech, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

4. Talli nhar it-12 ta’ Meju 2000 minn gewwa il-Furjana ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Honda bin-numru tar-registrazzjoni GAN254 liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Joseph Baldacchino mill-Gudja.
5. Talli nhar il-5 t’April 2000 minn gewwa tas-Sliema ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni RIL 555 liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Alfred Pace minn Tas-Sliema.
6. Talli f’xi zmien qabel is-6 t’April 2000 minn gewwa tas-Sliema ikkommetta serq ta’ walkman minn gewwa St Patrick’s School liema serq huwa aggravat bil-lok ghad-deteriment ta’ nies li sa issa l-identita taghhom ghadha mhux maghrufa.
7. Talli nhar id-29 ta’ Marzu 2000 minn gewwa il-Belt Valletta ikkommetta serq ta’ madwar tmenin lira maltin u fliexken tax-xorb minn gewwa l-fond NAAFI Canteen liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u hin.
8. Talli f’xi zmien qabel is-27 t’April 2000 minn gewwa l-Belt Valletta ikkommetta serq ta’ stero tal-ghamla Pioneer tal-ghamla Pajero liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ nies li sa issa l-identita taghhom ghadha mhux maghrufa.
9. Talli f’xi zmien qabel is-27 t’April 2000 minn gewwa l-Furjana ikkommetta serq ta’ somma ta’ madwar mitejn lira maltin (Lm200) minn gewwa l-Kunvent tal-partrijiet tal-Kappuccini liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok ghad-detriment tal-patrijiet Kappuccini.
10. Talli f’xi zmien qabel is-27 t’April 2000 minn gewwa Paceville ikkommetta serq ta’ somma flus ta’ madwar Lm500 u zewg kitarri liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta’ Fr Hilary Tagliaferro.
11. Talli f’xi zmien qabel is-27 t’April 2000 minn gewwa l-Pieta ikkommetta serq ta’ zewg mobile phones u madwar tminn liri maltin

liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' nies li sa issa mhux maghrufa.

12. Talli f'xi zmien qabel it-2 ta' Novembru 1999 minn gewwa Vittoriosa ikkommetta serq ta' wallet, dokumenti u madwar Lm5 fi flus kontanti minn gewwa l-Iskola De La Salle liema serq ghad-detriment ta' Patrick Sammut minn San Giljan.
13. Talli fit-30 t'Awissu 1999 minn gewwa tas-Sliema ikkommetta serq ta' madwar mitt lira maltin minn gewwa coin box liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz ghad-detriment ta' Ronald Brincat.
14. Talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awissu 1999 minn gewwa tas-Sliema ikkommetta serq ta' madwar erbghin lira maltin minn gewwa l-fond Maroya Restaurant liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Paul Debono.
15. Talli f'xi zmien qabel l-1 ta' Novembru 1999 minn gewwa Haz-Zabbar ikkommetta serq ta' madwar sittin lira maltin minn gewwa l-fond St James Clinic liema serq huwa aggravat bil-mezz ghd-detriment ta' Maria Muscat.
16. Talli f'xi zmien qabel l-1 ta' Novembru 1999 minn diversi postijiet f'Malta ikkommetta serq ta' erba stereos minn vetturi liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' diversi nies li sa issa l-identita taghha ghadha mhux maghrufa.
17. Talli fis-16 ta' Lulju 1999 minn gewwa l-Isptar San Luqa ikkommetta serq ta' computer liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Dr Cali Corleo.
18. Talli f'dawn il-gzejjer nhar il-15 ta' Mejju 2000 u fil-granet ta' qabel, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal- 9 ta' Jannar 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat l-istess verbal tad-9 ta' Jannar 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 276, 267, 86, 263, 264, 271 u 270 tal-kap 9 u tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.